DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-20 ta' Mejju 2010

dwar il-konklużjoni ta' Arranġament tal-Implimentazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika għal attivitajiet ta' kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka fis-sigurtà domestika u ċivili

(2010/293/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika [1], u partikolarment it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5(b) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika ("il-Ftehim") ġie approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/591/KE [2], u daħal fis-seħħ fl-14 ta' Ottubru 1998. Jista' jiġġedded għal perjodi ta' ħames snin [3], u ġie estiż u emendat fl-14 ta' Ottubru 2008 [4].

(2) Il-kooperazzjoni transatlantika fil-qasam tar-riċerka fis-sigurtà domestika u ċivili hija mixtieqa u ta' benefiċċju reċiproku.

(3) Il-fehma komuni li qed toħroġ mit-taħditiet esploratorji kienet li Ftehim ta' Implimentazzjoni jkun mekkaniżmu biex jissimplifika l-attività teknika u xjentifika konġunta.

(4) Arranġament tal-Implimentazzjoni biex ikopri l-attivitajiet ta' kooperazzjoni fil-qasam interdixxiplinari tar-riċerka fis-sigurtà domestika u ċivili ("l-Arranġament tal-Implimentazzjoni") ġie stabbilit b'suċċess bejn il-Kummissjoni u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika.

(5) L-Arranġament tal-Implimentazzjoni ma għandux implikazzjonijiet finanzjarji diretti. Il-proġetti konġunti se jikkompetu għall-finanzjament permezz ta' miżuri normali ta' appoġġ u RŻT fil-programmi rilevanti ta' riċerka tas-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) [5]. Skont il-Ftehim, il-finanzjament tal-Unjoni Ewropea se jiġi limitat għas-sħab Ewropej.

(6) L-arranġament tal-Implimentazzjoni għandu jiġi approvat,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Arranġament tal-Implimentazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika għal attivitajiet ta' kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka fis-sigurtà domestika u ċivili huwa approvat.

It-test tal-Arranġament tal-Implimentazzjoni huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Kummissarju responsabbli għad-DĠ Intrapriża u Industrija huwa awtorizzat li jiffirma l-Arranġament tal-Implimentazzjoni f'isem il-Kummissjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Mejju 2010.

Għall-Kummissjoni,
f'isem il-President,
Antonio TAJANI
Viċi President

---

[1] ĠU L 284, 22.10.1998, p. 37.
[2] ĠU L 284, 22.10.1998, p. 35.
[3] ĠU L 335, 11.11.2004, p. 7.
[4] Permezz ta' skambju ta' Notes Verbales bejn il-Kunsill tal-UE, bid-data tal-15 ta' Mejju 2009 (nru tar-referenza SGS9/06298) u l-Gvern tal-Istati Uniti, id-Dipartiment tal-Istat, bid-data tas-6 ta' Lulju 2009.

[5] ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.